

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-491/09)**

(2010/C 37/62)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol***Partijiet***Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni 2009/721/KE tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2009 li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), fil-parti tagħha li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors, u

— tikkundanna l-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni l-motivi segwenti:

(1) ksur, għal dak li jikkonċerna l-korrezzjoni finanzjarja li tikkorrispondi għall-għajna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebuga, tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 1258/1999⁽¹⁾ u tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Nru 1290/2005⁽²⁾, peress li d-deċiżjoni kkontestata tapplika dawn id-dispożizzjonijiet għal sitwazzjoni li fiha m'hemmx lok li dan isir, fid-dawl tal-insuffiċjenza tal-irregolaritajiet allegati invokati mill-Kummissjoni sabiex jiġġustifikaw il-korrezzjoni finanzjarja deċiża;

(2) ineżistenza, għal dak li jikkonċerna l-korrezzjoni finanzjarja dwar l-għajna għall-primjums għan-nagħaġ u mogħoż, tal-irregolaritajiet invokati mill-Kummissjoni, li timplika li d-deċiżjoni kkontestata kisret l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 1258/1999 u l-Artikolu 31(1) tar-Regolament Nru 1290/2005, billi applikathom għal sitwazzjoni li fiha ma kienx hemm lok li dan isir. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-verifiki fil-post twettqu matul il-perijodu ta' żamma, skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 2419/2001⁽³⁾, u li l-problemi allegati mill-Kummissjoni fir-rigward tar-reġistri tal-irziezet u tan-nuqqas ta' osservazzjonijiet ta' spetturi fuq ir-reġistri mhux aġġornati ma jaffett-

wawx id-determinazzjoni tan-numru ta' annimali eliġibbli għal sussidji tar-razzett matul il-perijodu ta' żamma kollu.

- (¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU L 160, p. 103).
- (²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU L 209, p.1).
- (³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 tal-11 ta' Diċembru tal-2001 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontrolli għal ċerti skemi ta' għajna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92 (ĠU L 327, p.11).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2009 — MEDA Pharma vs UASI — Nycomed (ALLERNIL)**(Kawża T-492/09)**

(2010/C 37/63)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* MEDA Pharma GmbH & Co. KG (Bad Homburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Württenberger u R. Kunze, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nycomed GmbH (Konstanz, il-Ġermanja)**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell, tad-29 ta' Settembru 2009, fil-Każ R 1386/2007-4, dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bbażati fuq it-trade mark Ġermaniża Nru 1 042 583 "ALLERGODIL" kontra l-parti Ewropea tar-reġistrazzjoni internazzjonali 845 934 "ALLERNIL";

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali*Parti li qiegħda titlob estensjoni tal-applikazzjoni tal-protezzjoni:* Nycomed GmbH

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "ALLERNIL" għal prodotti fil-klassi 5 (reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Komunità Ewropea Nru 845 934)

Trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali Ġermaniż Nru 1 042 583 "ALLERGODIL" għal prodotti fil-klassi 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors miċħud

Motivi invokati:

— ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾, peress li ma ġewx applikati b'mod korrett il-prinċipji dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni;

— ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 peress li hemm nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2009 — LG Electronics vs UASI (KOMPRESSOR PLUS)

(Kawża T-497/09)

(2010/C 37/64)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: LG Electronics, Inc. (Seul, ir-Repubblika tal-Korea t'Isfel) (rappreżentanti: J. Blanchard, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara u tiddeċiedi li dan ir-rikors huwa ammissibbli.

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Settembru 2009 mill-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI inkwantu ħadhet parzjalment l-appell ippreżentat mill-kumpanija LG ELECTRONICS kontra d-deċiżjoni tal-5 ta' Frar 2009 li tirrifjuta l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 282 924 sa fejn din tindika l-"huvers";

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "KOMPRESSOR PLUS" għall-prodotti fil-klassi 7 (Applikazzjoni Nru 7 282 924)

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud parzjalment

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2009 — Evonik Industries vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' rettangolu bil-kulur porpra bin-naħa tal-lemin tonda)

(Kawża T-499/09)

(2010/C 37/65)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Evonik Industries AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut (Ir-Raba' Bord tal-Appell), tat-2 ta' Ottubru 2009, fil-Każ R 491/2009-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva li tirrappreżenta forma rettangolari tal-kulur Porpra Pantone 513 C għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1 sa 45 (Applikazzjoni Nru 7 235 179)

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda